**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Avviż numru 140/2016 CFF**

**Sebastian Duca**

**vs**

**Veronica Brincat**

**Illum 10 ta' Ġunju 2024**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors promutur ta' **Sebastian Duca** (KI 100455M) fejn espona:

Illi tħallas prevja kull dikjarazzjoni u provediment illi din il-Qorti jidhriliha xierqa u opportuna, is-somma komplessiva ta' ħamest t'elef u mitejn disgħa u ħamsin ewro wieħed u tletin ċenteżmu (5259.31 ewro), rappreżentanti in kwantu ħamest elef ewro (5000 ewro), bilanċ ta' ħlas minnek dovut għal madum, skirting, u materjal ieħor mixtri minnek mingħand ir-rikorrenti u kif ukoll għal xogħolijiet u servizzi in konnessjoni mat-twaħħil u t-tqegħid tal-istess madum u skirting magħmula u reżi a favur tiegħek mir-rikorrenti fuq l-inkarigu tiegħek stess, kif jirriżulta mir-rendikont li huwa hawn anness u mmarkat dok SD1, liema bilanċ sa llum għadu mhux imħallas minkejja li inti ġejt interpellata diversi drabi biex tagħmel dan il-ħlas u in kwantu s-somma ta' mitejn disgħa u ħamsin ewro wieħed u tletin ċenteżmu (259.31 ewro) spejjeż tal-ittra uffiċjali 166A numru 1074/15 datata ghaxra (10) ta' Lulju 2015 skont it-taxxa tal-ittra uffiċjali, kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata dok SD2, bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv, bl-ispejjeż kollha tal-preżenti u l-ispejjeż tal-mandat ta' qbid li qed jiġi ppreżentant kontestwalment ma' dan ir-rikors. Kollox kontra tiegħek, li minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Il-Qorti tinnota li daħlet risposta tal-konvenuta **Veronica Brincat** datata 10 t'Awwissu 2016 li tinsab a fol 10 tal-proċess, fejn esponiet:

1. Illi t-talba attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt.
2. Salv eċċezzjonijiet oħra

Bl-ispejjeż kontra l-attrici nġunta in subizzjoni

Rat ix-xhieda tal-attur Sebastian Duca, Abdul Masaira Younes, Veronica Brincat, Raymond Mifsud.

Rat l-atti tal-kawża u d-dokumenti esibiti u cioè dok SD1, dok SD2, affidavit ta' Sebastian Duca immarkat bħala dok RF1, kif ukoll CD immarkata bħala dok SD3 u SD4 u dok SD5,

**Ikkunsidrat:**

**Sebastian Duca** xehed permezz ta' affidavit fejn qal li Veronica Brincat ġiet is-showroom tiegħu bl-isem ta' Casa Completa u ordnat madum u skirting liema madum huwa parquet wood effect tiling ta' kwalità tajba bl-isem Mumble tal-marka Peronda. Illi wkoll kien ġie mqabbad mill-istess konvenuta sabiex l-istess madum jitwaħħal minnhom. Il-prezz mifthiem kien ta' għaxart elef ewro u fil-fatt kienet ħallset is-somma ta' ħamest elef ewro bħala depożitu u l-bilanċ jitħallas wara li kien jitlesta x-xogħol. It-twaħħil tal-madum kien sar mill-kuntrattur li huwa jqabbad u cioe' Abdul Masaira Younes. Sakemm kien qiegħed jitwaħħal il-madum qatt ma kien hemm ilmenti. Wara li kien twaħħal il-madum, gie mqiegħed il-grouting fuq il-madum u tnaddaf kemm setgħu u anki ittieħdu xi filmati. Wara li kien irċieva telefonata sabiex imur jiġbor il-kumplament ftit wara reġgħet ċemplet Veronica Brincat u qaltlu li kien hemm l-avukat tagħha u ma kenitx lesta tħallas il-kumplament minħabba li kien hemm problemi bil-madum. Dan l-ilment kien minħabba r-residue tal-grouting li kien hemm fuq il-madum. Għalkemm kien ġie spjegat lilha li dan il-grouting jitlaq biż-żmien jew inkella bi prodott, xorta baqgħet tinsisti li ma tridx tħallas.

**Abdul Masaira Younes** xehed u ikkonferma li kien qabdu l-attur sabiex jwaħħal madum tal-art fir-residenza ta' Veronica Brincat. Wara li kien twaħħal il-madum tpoġġa fuqu grouting li kien sar fil-preżenza tal-istess konvenuta. Meta kien qiegħed jitwaħħal ix-xogħol qatt ma kien hemm problemi jew inkella li ġibdu l-attenzjoni tagħhom fuq xi ħaġa. Wara li kien tlesta x-xogħol, sar jaf li l-attur ma kienx tħallas tax-xogħol tiegħu u dan minħabba li bdew jgħidu li kien hemm problemi bil-grouting. Huwa qal li l-grouting kien jidher fil-fili minħabba kif kien ukoll it-tip ta' madum li ġie użat minħabba li mhux waħda lixxa. Dan ir-residue ma jibqax għal dejjem jew li jitlaq biż-żmien jew inkella bi prodott speċjali li kien imur. Għalkemm kienu użaw l-ilma ma kienx mar għal kollox u dan minħabba li trid tuża aktar minn darba u min-naħa tagħhom ma kienux użaw xi prodott partikolari sabiex ineħħu l-grouting. Għalkemm intuża dan il-prodott ma kienx mar għal kollox.

Xehedet ukoll **Veronica Brincat** fejn qalet li il-ħaddiema barranin ma bdewx jagħmlu xogħolhom sew tant li kienu jieqfu kull kwarta sabiex jitolbu. Hi ma rieditx barranin ġewwa darha. Il-madum qatt ma irranġatu u ħallietu kif inhu. Il-mod kif ġie l-madum kien qisu qiegħed timxi fuq simenta. L-ilment tagħha kien li l-grouting baqa' fuq il-madum. Hi bdiet titfa' diversi likwidi fuqu kull ma kien jgħidulha. Hija qalet li madum huwa bil-linji u mhux suppost kellu l-grouting fih. Bil-mod telaq xi ftit iżda mhux kollu.

Xehed ukoll **Raymond Mifsud** fejn qal li huwa kien mill-bidu meta beda jitwaħħal il-madum. Huwa kien mar flimkien mal-istess konvenuta għand l-attur sabiex jixtru l-madum fejn kienu ħallsu deposit ta' ħamest elef ewro. Illi skont hu kienu neħħew l-għamara kollha u inqala' l-madum u ma kienx ġie biex iwaħħal tant li kienu marru għandu sabiex jieħdu lura l-flus li ħallsu. Illi meta għamlu l-grouting kien ġie qisu sandpaper. Kienu xtraw diversi likwidi fuqu iżda ma kienx mar. Il-grouting kienu għaddewh minn kullimkien. Għalkemm użaw xi prodott biex jitneħħa xorta baqa' hemm u huma qatt ma qabdu xi kumpanija sabiex tnaddaf il-madum. Kienu anki ġibdu l-attenzjoni tal-attur li kien hemm xi madum jiċċaqlaq.

**Ikkunsidrat**

Illi dan il-każ beda wara li l-konvenuta avviċinat lill-attur sabiex jixtru mingħandu l-madum u anki jitwaħħal minnu wkoll. Illi wara li kien sar ftehim tal-prezz, il-konvenuta ħallset depożitu ta' ħamest elef ewro u l-bilanċ kellu jitħallas wara li kien jitlesta x-xogħol. Illi ġara skont ma qalet il-konvenuta li l-madum kien ġie qisu simenta minħabba li grouting ma kienx tneħħa. Illi min-naħa tal-attur fl-istess affidavit tiegħu qal li kienu għamlu minn kollox sabiex ineħħu r-residu li jibqa' u anki kienu qalulhom sabiex jużaw xi prodott biex jitneħħa. Illi però hija xorta baqgħet li ma rieditx tħallas dak dovut. Illi l-istess attur kien spjega li l-madum mhux wieħed lixx u għandu lemħa ta' parquet.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-Qorti m'għandhiex quddiema rapport ta' espert maħtur li eżamina l-madum hekk kif deskritt min-naħa tal-konvenuta. Illi min-naħa l-oħra ma tressqet l-ebda prova tal-istat ta' kif inhu l-madum min-naħa tal-konvneuta tant li fl-aħħar seduti lanqas biss resqet xi provi għal dan il-għan jew inkella dehret quddiem din il-Qorti sabiex tiddefendi l-każ tagħha. Illi għalhekk il-Qorti sabiex tasal għal konkluzzjoni trid tifli dak li ntqal bejn il-partijiet li huma ferm kontrastanti bejn xulxin.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti minn dak li qrat mix-xhieda tal-istess partijiet ma tistax tasal għal konkluzjoni jekk fil-fatt ix-xogħol sarx ħażin jew tajjeb. Din il-Qorti tgħid li l-mertu tal-kawża tal-lum huwa prinċipalment impernjat fuq konsiderazzjonijiet tekniċi, u mhux biss fuq apprezzament tal-provi prodotti f'kuntest legali. In partikolari, f'dan il-każ ma kienx hemm rapport  sabiex ħejja r-rapport tiegħu. Hekk kif ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Fidele sive Teddy Aquilina et vs Stephen Buttigieg (***Rik Nru 317/15, Qorti tal-Appell (Superjuri), 26 t'Ottubru 2022)

> *"Fid-dawl tal-verżjonijiet kontrastanti mogħtija mill-kontendenti fil-kawża, l-ewwel Qorti kellha tqis liema miż-żewġ verżjonijiet tal-fatti hija l-aktar waħda verosimili, gwidata dejjem mill-prinċipju, li l-grad ta' prova meħtieġ fil-kamp ċivili huwa dak tal-bilanċ ta' probabbilitajiet u l-preponderanza tal-provi. Jiksbu relevanza l-kriterji ta' kredibilita' u verosimiljanza tal-verżjonijiet mogħtija mill-partijiet."*

Il-Qorti tal-Appell (Superjuri) għamlet ukoll referenza għal dan il-fatt fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Chef Choice Limited vs Raymond Galea et (***Ċit Nru 2590/99, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ J R Micallef, 26 ta' Settembru 2013, konfermata mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-27 t'Ottubru 2017, fejn ġie ritenut:

> *...Huwa d-dmir tal-Qorti li tgharbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirrizultaw il-fatti essenzjali li jistghu jghinuha tasal biex issib x`kien li tassew gara u kif imxew l-affarijiet;*
>
> *Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp civili, il-piz probatorju m`huwiex dak ta` provi lil hinn mid-dubju ragonevoli (App. Inf. PS 7.5.2010 fil-kawza fl-ismijiet Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil). Izda fejn ikun hemm verzjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistghu jkunu plawsibbli, il-principju ghandu jkun li tkun favorita t-tezi tal-parti li kontra taghha tkun saret l-allegazzjoni (P.A. NC 28.4.2004 fil-kawza fl-ismijiet Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et) Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jsehhlux iwettaq dan, il-parti l-ohra m`ghandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-principju li actore non probante reus absolvitur (P.A. LFS 18.5.2009 fil-kawza fl-ismijiet Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd). Min-naha l-ohra, mhux kull konflitt ta` prova jew kontradizzjoni ghandha twassal lil Qorti biex ma tasalx ghal decizjoni jew li jkollha ddur fuq il-principju li ghadu kemm issemma. Dan ghaliex, fil-qasam tal-azzjoni civili, l-kriterju li jwassal ghall-konvinciment tal-gudikant ghandu jkun li l-verzjoni tinstab li tkun wahda li l-Qorti tista` toqghod fuqha u li tkun tirrizulta bis-sahha ta` xi wahda mill-ghodda procedurali li l-ligi tippermetti fil-process probatorju (App. Civ. 19.6.2006 fil-kawza fl-ismijiet Emanuel Ciantar vs David Curmi noe). Fit-twettiq ta` ezercizzju bhal dak, il-Qorti hija marbuta biss li taghti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-ragunijiet u l-kriterju tal-hsieb li hija tkun haddmet biex tasal ghall-fehmiet taghha ta` gudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha (App. Inf. 9.1.2008 fil-kawza fl-ismijiet Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et)*

Anki fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fl-ismijiet ***Enrico Camilleri vs Martin Borg*** Appell Ċivili Nru 478/2000, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), Onor Imħ P Sciberras, 17 ta' Marzu 2003, fejn intqal hekk:

> *[K]if paċifikament akkolt fil-ġurisprudenza tagħna "l-ġudikant, fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet; imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet". (Eucharistico Zammit vs Eustrachio Petrococchino, Appell Kummerċ, 25 ta' Frar 1952; Paul Vassallo vs Carmelo Pace, Appell Ċivili, 5 ta' Marzu 1986).*
>
> *Il-Qorti allura jeħtieġilha tara jekk il-versjoni l-waħda għandhiex teskludi lill-oħra fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet. B'hekk ukol jiġi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l-iskappatoja tad-dubju u ssib rifuġju mir-regola ta' "in dubio pro reo".*

Illi fil-każ in eżami, kemm l-istess attur semma li kien hemm residue fuq il-madum u anki l-istess Abdul Masaira Younes ikkonferma dan il-fatt. Illi però dawn iż-żewġ persuni qalu li dan jinqala' bi prodott speċjali u anki biż-zmien bil-ħasil. Illi min-naħa tal-istess konvenuta qalet li l-art kienet qisha siment iżda prova ta' dan ma nġiebitx f'dawn il-proċeduri. Għalkemm tela' jixhed l-istess Raymond Mifsud fejn ikkonferma l-istess li qalet il-konvenuta għajr għal xi fatti miżjuda bla ebda prova mressqa quddiem din il-Qorti. Illi

minn eżami tal-fatti din il-Qorti ma tistax tasal għal konklużjoni li s-somma mhux dovuta minħabba li x-xogħol ma kienx wieħed magħmul skont is-sengħa jew il-ħila. Illi f'dan il-każ lanqas ma kien hemm xi kontro-talba min-naħa ta' l-istess konvenuta għal xi spejjeż inkorsi jew inkella xi prova tal-istat ta' fatt kif kien verament il-madum.

**Decide:**

**Għal dawn il-motivi kollha l-Qorti, taqta' u tiddeċiedi l-kawża illi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuta, tilqa' t-talba tal-attur Sebastian Duca u tikkundanna lil Veronica Brincat tħallas is-somma lill-istess ta' ħamest elef mitejn u disa' u ħamsin ewro u wieħed u tletin ċenteżmu (€5259.31) għar-raġunijiet imfissrin fir-Rikors promotur, bl-imgħax mid-data tal-preżentata tal-istess Rikors, ċioe' mill-23 ta' Gunju 2016. L-ispejjeż kontra l-konvenuta ta' dawn il-proċeduri.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**